

Brussell, 13 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13200/17

FREMP 113
JAI 903
COHOM 115
DROIPEN 133
ASILE 73
JUSTCIV 241
SOC 640
SCHENGEN 67
EJUSTICE 125
DAPIX 330
ANTIDISCRIM 48
VISA 392
CULT 118

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Ottubru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12913/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2016

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, adottati mill-Kunsill fit-3564 laqgħa tiegħu li saret fit-12-13 ta' Ottubru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA TAD-DRITTJIET FUNDAMENTALI FL-2016

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill ifakkar l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri komuni jistabbilixxu l-pedament tal-Unjoni Ewropea u s-soċjetajiet tagħna. Skont l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta), l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-UE, għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali minnha fil-Karta.
2. Fl-2016, il-protezzjoni ta' diversi drittijiet fil-Karta ssaħħet aktar permezz tal-adozzjoni ta' sett ta' strumenti legali: dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess;¹ dwar l-għajnuna legali;² salvagwardji proċedurali għat-tfal³ kif ukoll l-istabbiliment ta' sett komprensiv ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-data fil-livell tal-UE.⁴

¹ Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1–11.

² Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1–8.

³ Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1–20.

⁴ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88. Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

3. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li, fl-oqsma kollha ta' politika, hemm bżonn li d-drittijiet fundamentali jkunu integrati bis-sħiħ fit-tħejjija u fil-valutazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politiki tal-UE. Huwa jfakkar fil-linji gwida tal-Kunsill dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu għall-verifika tal-kompatibbiltà fil-korpi ta' tħejjija tal-Kunsill⁵, li għandhom l-għan li jsaħħu l-konsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-liġi u fil-proċessi tat-tfassil ta' politika.
4. Il-Kunsill iħares b'mod favorevoli lejn ir-Rapport tal-2016 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta⁶ kif ukoll tar-Rapport tal-2017 dwar id-Drittijiet Fundamentali⁷ tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali). Dawn ir-rapporti jissottolinjaw il-progress li sar matul l-aħħar sena u l-isfidi li fadal għall-applikazzjoni effettiva tal-Karta fl-UE u fl-Istati Membri.
5. Il-Kunsill jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁸ li jistipula qafas għat-triq 'il quddiem għal azzjoni futura biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u jistenna b'interess diskussjonijiet dwar il-proposta fil-Kunsill EPSCO tat-23 ta' Ottubru 2017.

II. NAGĦMLU D-DRITTIJET TAL-KARTA REALTÀ

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija kwistjoni orizzontali li taffettwa l-oqsma kollha tal-attività tal-UE u tista' titwettaq biss bl-appoġġ u l-koooperazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati kollha kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tas-sensibilizzazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE fost dawk li jfasslu l-politika, l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u d-detenturi tad-drittijiet infushom. Is-sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward tissottolinja l-bżonn li jissaħħu l-użu ta' għodda diġitali bħal ġustizzja elettronika u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

⁵ 5377/15.

⁶ 9511/17.

⁷ 10744/17 + ADD 1 + ADD 2.

⁸ Ara d-dok. 8637/17.

7. Il-Kunsill huwa ddedikat li jkompli jsaħħaħ il-koerenza bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-politika tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali⁹.
8. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol li taqdi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi tinterpreta, tapplika l-Karta fl-UE u b'hekk issawwar id-drittijiet li jinsabu fiha f'realtà.
9. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, kif stabbilit fir-regolament li waqqafha,¹⁰ biex tagħti pariri msejsa fuq l-evidenza u l-għarfien espert dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali tul dawn l-aħħar għaxar snin. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex iżżid dan l-impenn, permezz tar-rwol tagħha fil-ġbir ta' data dwar id-drittijiet fundamentali u billi trawwem sinerġiji u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn networks ta' punti fokali tal-gvern, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini. Il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiffaċilita l-iskambju ta' Prattiki, għodda u metodi tajba dwar l-applikazzjoni tal-Karta u dwar il-komunikazzjoni tad-drittijiet, valuri u libertajiet fundamentali.
10. Fil-qafas tad-dritt internazzjonali, dak tal-UE u l-liġi nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq il-post, u billi jwettqu sorveljanza, kif ukoll billi jqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet fundamentali fost id-detenturi tad-drittijiet u billi jappoġġaw l-isforzi tagħhom biex jeżerċitaw u jiddefendu drittijiethom. Sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jridu jingħataw il-kapaċità li jagħmlu xogħolhom.

⁹ F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019).

¹⁰ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1-14.

a) Sigurtà interna

11. Il-Kunsill itenni li s-sigurtà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali huma objettivi ta' politika konsistenti u komplimentari.
12. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tad-dritt għall-privatezza u d-dritt tal-protezzjoni ta' data personali fis-segwitu għall-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabilità f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE¹¹.

b) Asil u migrazzjoni

13. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-bżonn li jkunu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-migranti, il-persuni li jfittxu l-asil, ir-refuġjati u l-persuni eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja anke quddiem sfidi urġenti fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil. Il-Kunsill jaqbel li l-azzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali jenħtieġ li b'mod partikolari jqisu riskji serji ta' abbuż u sfruttar, pereżempju minn faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin u mit-traffikanti tagħhom, bin-nisa u t-tfal jiffaċċjaw riskji akbar ta' vjolenza u diskriminazzjoni.¹²

¹¹ 10151/2017.

¹² Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti (dok. 10085/17), kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' April 2017 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti (COM 2017 (211)).

c) Id-drittijiet tat-tfal

14. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tat-tfal u r-rispett tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal bħala konsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha li jaffettwaw it-tfal.
15. Il-Kunsill jissottolinja li l-kooperazzjoni u d-djalogu mal-partijiet konċernati huma essenzjali biex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, u speċjalment permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, li jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar. Huwa jfakkar fil-Forum Annwali dwar id-drittijiet tat-tfal, il-grupp informali ta' esperti tal-Istati Membri dwar id-drittijiet tat-tfal kif ukoll l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi netwerk Ewropew ta' tutela.

d) Il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija

16. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjoni l-miżuri kkoordinati mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza. Dawn jinkludu l-monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online,¹³ it-tisħiħ tal-appoġġ għall-vittmi, l-iżvilupp ta' metodoloġiji għar-reġistrar u l-ġbir ta' data dwar reati ta' mibegħda, il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online, il-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku, u ż-żieda fl-għarfien interkulturali permezz tal-edukazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Konferenza organizzata mill-Presidenza Maltija fis-6-7 ta' April 2017 dwar kontronarrattivi b'appoġġ għas-soċjetà ċivili biex twassal narrattivi pożittivi effikaċi kontra d-diskors ta' mibegħda online kkonfermat il-bżonn għal aktar kooperazzjoni u impenn mill-partijiet konċernati kollha: il-media, il-pjattaformi fuq l-internet u l-awtoritajiet pubbliċi.
17. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-riżultati tas-sondaġġ EU-MIDIS II li twettaq mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tivvaluta l-progress li sar tul dawn l-aħħar ħames snin fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni bi sfond ta' immigrazzjoni jew ta' minoritajiet etniċi.

¹³ Disponibbli hawn:
http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/files/hate_speech_code_of_conduct_en.pdf

e) Il-vjolenza fuq in-nisa

18. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kollokju tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2017 huwa ddedikat għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala opportunità sabiex jiġu indirizzati t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u politika tan-nisa, id-drittijiet tan-nisa fl-isferi tal-ħajja pubblika u privata kif ukoll il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha, b'din tal-aħħar tkun ukoll is-suġġett tal-azzjonijiet iffukati matul is-sena.¹⁴
19. Il-Kunsill esprima kemm-il darba l-impenn tiegħu għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. B'rabta ma' dan, il-Kunsill ifakkar id-deċiżjonijiet¹⁵ tiegħu adottati reċentement dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-intenzjoni tiegħu espressa fihom li jipproċedi għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni biex jirratifikawha.

f) Il-pluraliżmu tal-media

20. Il-Kunsill japprezza li l-Kollokju dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 kif ukoll l-azzjonijiet ta' segwitu mħejjija warajh iffukaw fuq il-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni u d-demokrazija. Huwa japprezza l-fatt li l-Presidenza Estonjana żammet l-attenzjoni fuq din il-kwistjoni waqt is-seminar informali għall-esperti dwar il-pluraliżmu tal-media u l-istat tad-dritt fl-era diġitali li sar fit-12 ta' Lulju 2017 bi tnejn għad-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt.

¹⁴ Ara https://ec.europa.eu/info/events/sustainable-development-goals/2017-annual-colloquium-fundamental-rights-2017-nov-20_mt

¹⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 u Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866.

g) L-adeżjoni tal-UE għall-KEDB

Il-Kunsill jibqa' impenjat favur l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li ser issaħħaħ il-valuri komuni tal-Unjoni, ittejjeb l-effikaċja tad-dritt tal-UE u żżid il-koerenza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tlesti l-analiżi tagħha dwar il-kwistjonijiet legali mqajma mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, għal aktar konsiderazzjoni mill-Kunsill.
